MALTA

# QORTI CIVILI
# (SEZZJONI TAL-FAMILJA)

**ONOR. IMHALLEF**
**RAYMOND C. PACE**

Seduta tat-30 ta' Marzu, 2006

Citazzjoni Numru. 161/2004

***"A".***

**vs.**

***"B".***

**Il-Qorti,**

## <u>I. PRELIMINARI.</u>

Rat ic-citazzjoni attrici datata 21 ta' Mejju 2004 a fol. 1 tal-process fejn gie premess:-

Illi fil-11 ta' Gunju 2000 il-partijiet ghaddew minn cerimonja taz-zwieg fil-knisja tal-Karmnu l-Imdina, c-certifikat taz-zwieg hawn anness u mmarkat bhala Dokument "LE1";

Illi minn dan iz-zwieg il-partijiet ma kellhomx tfal;

Illi dan iz-zwieg huwa null minhabba li l-kunsens tal-konvenut jew minn minnhom kien ivvizjat b'difett serju dwar il-hajja matrimonjali u fuq id-drittijiet jew dmirijiet essenzjali taghha jew b'anomalija psikologika serja li taghmilha mpossibbli ghal parti biex jaqdi l-obbligazzjonijiet essenzjali taz-zwieg;

Illi l-kunsens ta' l-attrici inkiseb b'qerq dwar kwalita` tal-konvenut li mix-xorta taghha tfikel serjament il-hajja mizzewga;

Illi l-kunsens tal-konvenut jew min minnhom inkiseb bl-eskluzzjoni pozittiva ta' elemenet essenzjali tal-hajja mizzewga;

Illi ghalhekk l-attrici qieghda tipprezenta din il-kawza sabiex titlob li dan iz-zwieg iccelebrat fil-11 ta' Gunju 2000 jigi ddikkjarat null u minghajr effett *ai termini* ta' l**-artikolu 19 (1) (c), (d) u (f) ta' l-Att ta' l-1975 dwar iz-zwieg, Kapitolu 255 tal-Ligijiet ta' Malta** kif sussegwentament emendata;

Illi ghalhekk l-istess attrici talbet lill-konvenut jghid ghaliex din il-Qorti m'ghandhiex taqta', tiddeciedi u tordna:-

1. Illi tiddikjara null u minghajr effett iz-zwieg li gie ccelebrat bejn il-kontendanti fil-11 ta' Gunju 2000 u dan *ai termini* ta' l-**artikolu 19 (1) (c), (d) u (f) ta' l-Att ta' l-1975 dwar iz-Zwieg, (Kapitolu 255)** kif sussegwentament emendata;

Bl-ispejjez, filwaqt li l-konvenut huwa minn issa ingunt ghas-subizzjoni.

Rat id-dikjarazzjoni attrici a fol. 3 tal-process;

Rat il-lista ta' xhieda u d-dokument esebit a fol. 4 u 5 tal-process;

Rat id-digriet tad-29 ta' Lulju 2004 fejn il-kawza giet appuntata ghas-smiegh ghall-1 ta' Frar 2005.

Rat id-digriet affidavit moghti lill-partijiet fid-29 ta' Lulju 2004 fejn il-Qorti pprefiggiet terminu ta' tletin (30) gurnata lill-attrici sabiex tipprezenta x-xhieda kollha taghha producibbli bil-procedura tal-affidavits bin-notifika lill-kontro-parti jew lid-difensur taghha, li jkollu wkoll l-istess terminu sabiex huwa wkoll jipprezenta l-affidavits tieghu.

Rat in-nota ta' l-eccezzjonijiet tal-konvenut tas-7 ta' Settembru 2004 a fol. 12 tal-process fejn gie eccepit:-

1 Illi filwaqt li hemm qbil li hemm ragunijiet sufficjenti skond il-Ligi li jirrendu z-zwieg ta' bejn il-kontendenti wiehed null u minghajr ebda effett fil-Ligi, izda dan pero` minhabba ragunijiet unikament u esklussivament imputabbli lill-attrici liema ragunijiet ma huma bl-ebda mod attribwibbli lill-eccipjenti li allura m'ghandu jsofri ebda spejjez.

2 Salvi eccezzjonijiet ulterjuri.

Bl-ispejjez kontra l-attrici.

Rat id-dikjarazzjoni u l-lista tax-xhieda tal-konvenut a fol. 12 u 13 tal-process.

Rat in-nota ta' l-**attrici *"A"*** datata 13 ta' Jannar 2005 li permezz taghha pprezentat l-affidavits taghha stess u ta' ***"C"*** mmarkati Dok. "LB1" u Dok. "LB2" a fol 15 sa 21 tal-process.

Rat il-verbali ta' l-1 ta' Frar 2005 a fol 22 tal-process, fejn il-Qorti kkonfermat id-digriet taghha ta' l-affidavits tal-partijiet u nnominat lil Dr. Kenneth Gulia bhala Assistent Gudizzjarju sabiex jiffissa zewg seduti ghall-provi kollha li kien fadal. Il-kawza giet differita ghall-finali trattazzjoni ghat-12 ta' Mejju 2005.

Rat id-digriet tal-Kuria ta' l-Arcidjocesi ta' Malta a fol 23 tal-process.

Rat il-verbali tas-seduti mizmuma mill-Assistent Gudizzjarju Dr Kenneth Gulia tat-18 ta' Marzu 2005 fejn

xehdet l-attrici ***"A"*** in kontro-ezami (fol 25 sa 29), tal-14 ta' April 2005 fejn gie esebit l-affidavit tal-konvenut ***"B"*** (fol 31 sa 51), u regghet xehdet in kontro-ezami ***"A"*** (fol 52 sa 56), tal-25 ta' April 2005 fejn xehdet ***"C"*** (fol 57 sa 59); rat ukoll in-nota tal-Assistent Gudizzjarju a fol 60 tal-process fejn Dr Gulia informa lill-Qorti li l-provi huma migbura.

Rat ir-rikors kunguntiv tal-partijiet tal-4 ta' Mejju 2005 a fol 62 tal-process fejn id-difensuri tal-partijiet talbu lill-Qorti biex tikkoncedilhom li jinzammu tlett seduti ohra sabiex ikunu jistghu jikkonkludu l-kontro-ezamijiet li fadal. Il-Qorti laqghet it-talba b'digriet taghha tad-9 ta' Mejju 2005.

Rat il-verbal tat-12 ta' Mejju 2005 a fol 64, fejn il-Qorti estendiet l-inkarigu ta' l-Assistent Gudizzjarju biex jaghlaq il-provi tal-partijiet. Il-kawza giet differita ghal dan l-iskop ghad-29 ta' Novembru 2005.

Rat il-verbal tas-seduta tat-13 ta' Lulju 2005 quddiem l-Assistent Gudizzjarju fejn xehdu in kontro-ezami ***"C"*** u ***"A"*** (fol 65 sa 69); tat-13 t'Ottubru 2005 fejn xehed il-konvenut ***"B"*** (fol 71 sa 79), flimkien mad-dokumenti esebiti.

Rat in-notament tal-Assistent Gudizzjarju a fol 82 tal-process fejn informa lill-Qorti li d-difensuri tal-partijiet iddikjaraw li m'ghandhomx provi izjed.

Rat il-verbal tad-29 ta' Novembru 2005 fejn Dr. Charmaine Zammit informat lill-Qorti li l-provi huma maghluqa u l-kawza tista' tibqa' ghas-sentenza bil-fakolta` ta' nota. Il-Qorti laqghet it-talba u ppreffiggiet terminu ta' erbghin (40) gurnata lill-attrici biex tipprezenta n-nota ta' osservazzjonijiet bil-visto/notifika lid-difensur tal-kontro-parti li jkollu erbghin (40) gurnata biex jirrispondi, mid-data tan-notifika tan-nota ta' osservazzjonijiet, b'dan li jekk in-nota attrici ma tigix ipprezentata fit-terminu ndikat, it-terminu ghan-nota tal-konvenut jibda jghaddi mill-gheluq tat-terminu moghti lill-attrici. Il-kawza giet differita ghas-sentenza ghat-30 ta' Marzu 2006.

Rat in-nota ta' sottomissjonijiet tal-attrici datata 23 ta' Jannar 2006 (fol 84).

Rat in-nota responsiva ta' sottomissjonijiet tal-konvenut ***"B"*** datata 13 ta' Marzu 2006.

Rat id-dokumenti esebiti.

Rat l-atti kollha l-ohra tal-kawza.

## II. KONSIDERAZZJONIJIET.

### (i) PRINCIPJI LEGALI.

Illi l-attrici qed tibbaza t-talba taghha fuq l-**artikolu 19 (1) (c), (d) u (f) tal-Kap. 255 tal-Ligijiet ta' Malta.**

Illi l-**artikolu 19 (1) (c)** jghid li zwieg ikun null *"jekk il-kunsens ta' xi wahda mill-partijiet ikun inkiseb b'qerq dwar xi kwalita' tal-parti l-ohra li tista' mix-xorta taghha tfixkel serjament il-hajja mizzewga."*

Illi din id-dispozizzjoni hi kwazi identika fil-formulazzjoni taghha ghall-**Canone 1098 tal-Kodici ta' Dritt Kanoniku** vigenti u hu evidenti li d-dispozizzjoni fil-ligi taghna giet ispirata mill-istudji preparatorji u mill-abbozzi tal-Kodici Kanoniku gja' ezistenti fl-1981, cjoe' qabel ma l-imsemmi Kodici gie effettivament promulgat.

Illi kif din il-Qorti kellha okkazjoni li tikkummenta fis-sentenza taghha tal-4 ta' Novembru 1994 fil-kawza fl-ismijiet **"Angela Spiteri xebba Selvagi vs Joseph Spiteri"**, l-**artikolu 23 tal-Kap. 255** ma huwiex ta' ostakolu li ssir referenza ghad-dottrina u l-gurisprudenza kanonika bhala fonti ta', u ghajnuna ghal interpretazzjoni tad-dispozizzjoni in ezami, u dan bhalma l-fatt li ligijiet ta' pajjizi ohra ma humiex parti mill-ligi ta' pajjizna ma hux ta' ostakolu li ssir referenza ghal dawk il-ligijiet u ghall-gurisprudenza ta' dawk il-pajjizi ghall-finijiet ta' nterpretazzjoni tal-ligi domestika.

Illi l-qerq ravvizat fid-dispozizzjoni ta’ l-**artikolu 19 (1) (c) tal-Kap. 255** jincidi direttament fuq l-intellett ta’ xi wahda mill-partijiet fiz-zwieg u ndirettament fuq il-volonta’ tal-persuna ngannata. F’din id-dispozizzjoni ghalhekk dak li jintlaqat direttament mhux il-kunsens, izda l-intellett. Kif jispjega l-gurista ***Jose’ Castano***:-

*“Il dolo causa direttamente errore nell’intelletto del paziente, il quale ex errore consente. Con la particella ex vogliamo significare l’immediata causalita’ dell’ errore sul consenso. L’atto di consentire pero’ e’ atto entittivamente di volonta”*. (***Il Sacramento del Matrimonio, Roma, 1992, p. 357***). Dan il-qerq jista’ jigi kemm minn wahda mill-partijiet fiz-zwieg kif ukoll minn terza persuna. *“In definittiva, quello che conta e che il dolus abbia influsso nel consenso, cioe’ che il consenso matrimoniale provenga dall’ errore doloso, senza il quale il consenso non sarebbe mai stato espresso”* (op. cit. P. 358).

Illi biex tissussisti s-sitwazzjoni ravvizata fil-paragrafu in dizamina jridu jikkonkorru erba’ affarijiet:-

i) il-qerq perpetrat bil-hsieb li wiehed jikseb il-kunsens tal-parti;

ii) li l-qerq ikun incida fuq il-kunsens tal-parti;

iii) li l-qerq ikun jirrigwarda xi kwalita’ tal-parti l-ohra; u

iv) li din il-kwalita’ tkun tista’ mix-xorta taghha tfixkel serjament il-hajja mizzewga.

Illi l-attrici ssemmi wkoll l-**artikolu 19 (1) (d)** li jipprovdi li zwieg ikun null jekk *“vizzjat b’difett serju ta’ diskrezzjoni ta’ gudizzju fuq il-hajja mizzewga jew fuq id-drittijiet u dmirijiet essenzjali taghha, jew b’anomalija psikologika serja li taghmilha mpossibbli ghal dik il-parti li taqdi l-obbligazzjonijiet essenzjali taz-zwieg.”*

Illi b’difett serju ta’ diskrezzjoni, il-legislatur ma riedx ifisser semplicement kwalsiasi stat ta’ mmaturita’ li parti jew ohra fiz-zwieg tista’ tkun fiha fil-mument li jinghata l-kunsens

reciproku. Li kieku l-legislatur irrikjeda maturita' shiha u perfetta, ftit jew addirittura ebda zwieg ma kien ikun validu. In-nuqqas ta' <u>*discretio judicii*</u> hu kuncett guridiku ntrinsikament marbut mal-kapacita' ta' parti jew ohra fiz-zwieg li taghti l-kunsens liberu u xjenti taghha ghar-rabta taz-zwieg.

Illi kif jispjega ***Bersini***, id-diskrezzjoni ta' gudizzju tikkonsisti f'zewg elementi distinti izda konkorrenti w interdipendenti:-

*"la piena avvertenza e il deliberato consenso ... La piena avvertenza si riferisce alla sfera intellettiva, il deliberato consenso a quella volitiva. In altri termini, la discrezione di giudizio comprende la maturita' di giudizio e la maturita' affettiva…. La maturita' di giudizio comporta una conoscenza critica proporzionata all'atto da compiere, agli oblighi essenziali da assumersi e ai doveri cognugali che ne derivano proiettati nel futuro. La maturita' affettiva comporta generalmente quella adequata evoluzione degli istinti, degli affetti, dei sentimenti, della emotivita' che se sono turbati o inadeguati intaccano direttamente la volonta' e possono privare della libera scelta interiore. Abbiamo cosi' una mancanza di consenso libero (immaturita' affettiva) e ponderato (immaturita' di giudizio)"* (***Bersini. F.,*** **Il Diritto Canonico Matrimoniale (Torino, 1994)**, p. 97.)

Illi l-istess awtur ikompli jispjega li *"e necessaria la discrezione non tanto per l'atto in se, al momento di emettere il consenso, quanto per gli impegni per il futuro. Ovviamente si richiede una ponderazzione degli impegni sostanziali del matrimonio e non di tutto il suo valore etico religioso, sociale, giuridico ed economico, altrimenti ben pochi sarebbero in grado di emettere un valido consenso. Ogni volta che i contraenti abbiano raggiunto l'eta prescritta dal legislatore per poter contrarre matrimonio, si presume che essi siano in possesso della debita discrezione di giudizio; tale presunzione, tuttavia, ammette prove in contrario. Pertanto, qualora si possa dimostrare, per qualsiasi motivo, la capacita' intellettiva e volitiva sopra descritta sia gravemente alterata o ad*

*dirittura mancante, si dovra' ritenere che il vincolo matrimoniale sia nullo per difetto di discrezione di giudizio. "… ... se il soggetto non e' in grado di superare (i) condizionamenti interiori, allora si dira' che la scelta di lui non e stata libera; In ogni caso, i nubenti debbono aver coscienza di assumere vere obbligazioni (e reciprocamente di concedere veri diritti) di creare cioe' col matrimonio un patto che vincola a un comportamento idoneo e adeguato alla specifica societa' coniugale, sia nei rigwardi dell' altra parte sia nei rigwardi della parole"* (***Pompedda, MF.,*** **Incapacita' di Natura Psichica in Matrimonio Canonico: Fra Tradizione e Rinnovamento (Bologna, 1991)**, pp. 231, 233).

Illi l-awtur ***Viladrich*** jispjega li:-

*"The discretion of judgement refers to that degree of maturity of comprehension and of will of the contracting parties which enables them to give and receive each other, through a juridical bond, in a unique community of life and love. This community is indissolubly faithful, ordered to the good of the spouses as well as to the procreation and education of the offspring" (**Viladrich, P.J.**,* **Matrimonial Consent in Code of Cannon Law Annotated (Montreal, 1993)***, p. 686).*

Illi l-**artikolu 19 (1) (f)** jipprovdi li zwieg ikun null:-

*"jekk il-kunsens ta' xi wahda mill-partijiet ikun inkiseb bl-eskluzjoni pozittiva taz-zwieg innifsu, jew ta' xi wiehed jew aktar mill-elementi essenzjali tal-hajja mizzewga, jew tad-dritt ghall-att taz-zwieg."*

Illi ma hemmx dubju li l-legislatur Malti, meta fformula dan il-paragrafu, kellu quddiemu l-izvilupp gurisprudenzali u dottrinali fil-kamp tad-Dritt Kanoniku sa l-1981, cjoe' meta l-**artikolu 19** allura ezistenti fil-ligi taghna gie sostitwit bl-**artikolu 19** vigenti llum. Infatti jekk wiehed jara l-inciz (2) tal-**Canone 1101 tal-Kodici ta' Dritt Kanoniku** promulgat sentejn wara dawk l-emendi fil-**Kap. 255**, wiehed isib li dan l-inciz hu kwazi identiku ghall-ligi taghna:-

*"At si alterutra vel utrague pars positivo voluntatis actu excludat matrimonium ipsum vel matrimonii essentiale aliqudo elementum, vel essentialem aliquam proprietatem, invalide contrhit."*

Illi hawn qeghdin fil-kamp tas-simulazzjoni, u cjoe' meta l-atti, gesti jew kliem esterni ma jikkorrispondux ghall-kunsens intern li jkun qed jinghata. L-awturi jitkellmu dwar *"consensus simulatus* jew *consensus fictus"*. Din is-simulazzjoni tista' tkun jew totali jew parzjali. Kif jispjega l-awtur ***Castano*** (**Il Sacramento del Matrimonio, Roma, 1992**):-

*"In generale si parla di exclusio totale e di exclusio partiale. La prima sarebbe la esclusione della "totalita" matrimoniale, cioe' del matrimonium ipsum, mentre la seconda si riferisce al matrimonio solo "parzialmente", vale a dire ad essentiale matrimonii aliquod elementum e ad essentialem aliquam proppprietatem. Ad ogni modo, si tratta della esclusione totale o della esclusione parziale, per quanto riguarda l' effetto sulla validita' del matrimonio, non c'e' nessuna differenza, giacche' il matrimonio in ambedue I casi e' sempre invalido."* (op. Cit. P.382)

Illi tezisti simulazzjoni totali meta l-kontraent esternament ikun qed jaghmel atti li ma jkunux in konformi mal-volonta` tieghu nterna. Per ezempju, meta wiehed *"in no way consents to marriage"*. (***Bejan,*** 29 ta' Lulju 1970) jew *"when he positively does not intend to give his consent while he can."* (***Abbo,*** 8 ta' Frar 1968) jew meta wiehed *"does not have the intention of contracting marriage but wishes to put on an act".* (***Pausilla,*** 18 ta' Dicembru 1980).

Illi d-decizjonijiet rotali ohra osservaw li simulazzjoni totali taz-zwieg jista` jsehh ukoll *"when a person excludes either marriage itself or his or her spouse."* (***Mercieca,*** 15 ta' Lulju 1973) (***Ferraro,*** 26 ta' April 1978).

Illi simulazzjoni totali tezisti wkoll meta hemm inkluz element kuntrarju ghaz-zwieg. Ezempju ta' dan huwa meta bniedem jizzewweg *"for his own purposes which are*

*different from marriage."* (**Rogers,** 11 ta' Novembru 1993). Wiehed jista' jizzewweg ghal ragunijiet personali u soggettivi *(finis operantis et extraneus)*. Dawn ir-ragunijiet jistghu ma jikkoncidux ma' dawk taz-zwieg innifsu *(finis operis)*. Jekk iz-zewg motivi jikkoezistu ghaliex wahda ma teskludix lill-ohra allura m'hemmx simulazzjoni u tali zwieg huwa validu. Mill-banda l-ohra jekk wiehed jizzewweg bil-hsieb ewlieni tal-motivi soggettivi tieghu ad eskluzjoni tal-motivi taz-zwieg innifsu allura dak iz-zwieg huwa null.

Illi fil-kaz ta' nullita' parzjali l-kontraent ma jkunx qed jeskludi z-zwieg innifsu fi totalita' tieghu pero' jkun jeskludi wiehed mill-elementi essenzjali tieghu u b'hekk xorta wahda jirrendi l-istess zwieg null.

Illi fil-ligi taghna mkien ma nsibu elenkati x'inhuma l-elementi essenzjali tal-hajja mizzewga pero' huwa principju rikonoxxut fis-socjeta' Maltija li z-zwieg kif nifhmuh ahna ghandu a bazi tieghu l-element ta' esklussivita', cjoe' dik il-fedelta` reciproka li l-partijiet jaghtu u jweghdu lil xulxin *(Bonum Fidei).*

Illi ghalhekk meta parti tidhol ghaz-zwieg tkun waqt il-hin tal-kunsens qeghda taghti lilha nnifisha lill-parti l-ohra u b'hekk qed teskludi relazzjonijiet ma' terzi persuni. Punt iehor li jrid jigi sollevat in ezami ta' dan is-sub-inciz huwa li l-ligi titkellem dwar eskluzjoni pozittiva. Huwa accettat fil-Gurisprudenza taghna li sabiex jigi sodisfatt dan ir-rekwizit m'hemmx bzonn li tali eskluzjoni tkun wahda sfaccata, l-intenzjoni ta' l-eskluzjoni tista' tkun wahda percepibbli minn azzjonijiet impliciti. Gurisprudenza nostrana tammetti li hemm distinzjoni bejn id-dritt ghall-fedelta' u l-abbuz ta' dan id-dritt. Ghalhekk relazzjonijiet extra konjugali wara z-zwieg ma jikkontribwixxux wahedhom argument ghan-nullita'.

Illi lanqas ma jirrizulta f'nullita' meta wiehed mill-partijiet jiehu decizjoni <u>wara</u> z-zwieg li jnehhi jew jimmodifika d-dritt ghall-fedelta' gja' moghti fil-kunsens taz-zwieg. Minkejja dan, relazzjonijiet extra konjugali ghandhom jigu meqjusa bis-serjeta' ghaliex jistghu jkunu <u>rizultat</u> ta' kunsens limitat minhabba simulazzjoni parzjali. *"We must*

*take care not to consider lightly such a strong indication since more often than not, it could be a certain sign that the obligation of fidelity has not been assumed."* (***Pompedda,*** 7 ta' Lulju 1972).

Illi dak li jrid jigi ppruvat, sal-grad li trid il-ligi taghna fil-kamp civili, hu li fil-mument tal-ghoti tal-kunsens matrimoniali parti wahda jew it-tnejn kellha jew kellhom il-hsieb maghmul li ccahhad lill-parti l-ohra mid-dritt kif aktar 'il fuq imfisser *ossia* li tonqos mid-dover korrispondenti. Tali prova tista' ssir permezz ta' dikjarazzjonijiet f'dan is-sens – basta li l-Qorti tqishom, fic-cirkostanzi kollha tal-kaz, li jkunu attendibbli, kif ukoll minn cirkostanzi antecedenti, konkomittanti u sussegwenti ghall-ghoti tal-kunsens, cjoe' ghaz-zwieg.

## (ii) APPREZZAMENT TAL-PROVI.

Illi mill-provi prodotti jirrizulta li l-partijiet izzewgu fil-11 ta' Gunju 2000 meta l-konvenut kellu 34 sena u l-attrici kellha 29 sena. Kienu ilhom jafu lil xulxin mat-tlett snin u ftit xhur qabel iz-zwieg u l-attrici tghid b'mod mill-iktar kategoriku li mill-ewwel kienu ftehmu li ma jkollhomx tfal. L-istess attrici fil-fatt tesprimi ruhha b'dan il-mod:-

*"Ahna konna ftehmna mill-bidu nett li ma kienx se jkollna tfal. Din id-decizjoni konna nafu li hi importanti izda hadniha ghal hafna ragunijiet. It-tnejn ghandha karriera li hi importanti hafna u hajjitna kienet mimlija daqs bajda kif kienet. Jien nghallem il-pjanu u ndoqq f'tigijiet u kuncerti fil-waqt li Ray kien dejjem jahdem sieghat twal, xoghlu technician".*

*"Ahna m'ghamilna xejn hazin billi hadna din id-decizjoni li ma jkollniex tfal. It-tfal mhumiex oggett, mhux kulhadd ihossha fih li jkollu tfal lanqas. Li tkun genitur zgur mhix xi haga facli u tinvolvi dedikazzjoni kbira, din id-decizjoni qbilna maghha t-tnejn. Ghalhekk ahna konna dejjem niehdu il-prekawzjonijiet mehtiega. Ahna kellna l-qaghda finanzjarja taghha x'niehdu hsieb u djun bhal dak tad-dar u l-ghamara tad-dar. It-tnejn kellna hajja vera attiva*

*mimlija impenji u ghalhekk konna ghamilna din l-ghazla li ma jkollnix tfal. Il-kwistjoni tat-tfal zgur ma kenitx problema fiz-zwieg taghna".*

Illi dan l-attrici kkonfermatu anke fix-xhieda moghtija minnha in kontro-ezami quddiem l-Assistent Gudizzjarju Dr. Kenneth Gulia fis-seduta tat-18 ta' Marzu 2005 fejn hija tghid li hija dejjem kienet thoss li ma' kellhiex dak li hija sejhet bhala il-*"mother instinct"* sabiex ikollha tfal u dwar dan informat mill-ewwel lill-konvenut; dan apparti li l-impenji taghha nkluz xoghol u studju ma kienx jippermetti lilha li jkollha hin u attenzjoni ghat-tfal – hija tghid li kien piz kbir wisq ghaliha sabiex ikollha tfal u tikkonferma li fil-fatt hija qatt ma' riedet u lanqas qatt ma' ppruvat ikollha tfal.

Illi ghalkemm l-konvenut jidher mix-xhieda tieghu li ma jaqbilx ma' dan, fis-sens li jghid li huwa ried tfal u kienet biss l-attrici li ma riditx tfal, tant li jghid li kieku ma riedx tfal kieku ma kienx jizzewweg lill-attrici, xorta jibqa' l-fatt li l-istess konvenut kien konxju tal-fatt li l-attrici assulament ma' rieditx tfal u mir-rakkont tieghu jikkonferma li r-relazzjoni ta' bejniethom kienet turbolenti ghall-ahhar ghalkemm jidher car li huwa ta attenzjoni kbira lill-problemi finanzjarji li huwa jallega li l-attrici kienet tohloq lilu minhabba l-attivitajiet jew allegati nuqqasijiet u kapricci taghha – izda fl-opinjoni ta' din il-Qorti mix-xhieda kollha prodotta jirrizulta li ma hemm l-ebda dubju li fl-ewwel lok il-kunsens ta' l-attrici kien vizzjat peress li eskluda element essenzjali taz-zwieg li huwa l-prokreazzjoni ta' l-ulied u ghalhekk certament li l-kunsens taghha kien vizzjat abbazi ta' l-**artikolu 19 (1) (f) tal-Kap 255 tal-Ligijiet ta' Malta.**

Illi huwa opportun f'dan l-istadju li jinghad li l-versjoni tal-konvenut fuq dan il-punt hija mimlija kontradizzjonijiet u dan ghaliex minkejja dak kollu li jghid fl-affidavit tieghu, fejn jaghmel diversi akkuzi lill-attrici, pero' fl-istess nifs jaccetta l-fatt li l-attrici ma riditx tfal fiz-zwieg, ghalkemm huwa jipprova jaghti l-impressjoni li dan ma kienx jaf bih – ghalkemm jibbazza fuqu – fil-fatt fl-ahhar ta' l-affidavit tieghu huwa jghid:-

*“Illi ghalhekk issa jiena f’posizzjoni li nghid illi ghal **“A”** z-zwieg kien l-muftieh ghal-liberta’ taghha mid-dar tal-genituri taghha u dan johrog car mill-fatt mistqarr minnha stess li ma riedet l-ebda xkiel ta’ tfal”.*

Illi apparti dan minkejja dak li xehed fl-affidavit tieghu – fis-seduta tat-13 ta’ Ottubru 2005 jghid li minhabba l-problemi finanzjarji li jghid li kellhom il-koppja, li huwa jattribiwixxi ghan-nuqqas ta’ serjeta’ da parti ta’ l-attrici – huwa jghid ukoll li f’dak l-istadju huwa ma riedtx tfal peress li ried jithallas id-dejn li jghid li kellu; hawn ukoll il-Qorti tinnota nkonsistenza u kontradizzjonijiet fix-xhieda tal-konvenut u din il-Qorti thoss li f’dan ir-rispett il-versjoni ta’ l-attrici hija hafna iktar konsistenti u certament gie ppruvat li l-attrici ghamlita cara kemm-il darba li hija ma riditx tfal u l-konvenut accetta din is-sitwazzjoni.

Illi ghal dak li huwa l-kunsens tal-konvenut din il-Qorti thoss li mill-provi kollha prodotti jirrizulta li l-kunsens ta’ l-istess konvenut kien vizzjat b’nuqqas serju ta’ diskrezzjoni ta’ gudizzju fuq il-hajja mizzewga u fuq l-elementi essenzjali taghha u dan peress li mill-affidavit stess tal-konvenut jidher li ma’ l-attrici huwa ppretenda li ser ikollu qisu xi negozju flimkien, fejn ix-xhieda tieghu hija mimlija kunteggi u allegazzjonijiet dwar aspetti finanzjarji ta’ dak li huwa ddeskrivha bhala l-hajja ta’ bejniethom. Din il-Qorti thoss li bl-istess xhieda jidher car li l-iktar haga mportanti ghall-konvenut kienu l-flus u fil-fatt huwa jpoggi dan l-element ta’ flus anke qabel l-element jekk ikollux tfal jew le – raguni principali ghaliex huwa qal li kien ppreparat li jizzewweg. Fil-fatt ix-xhieda kollha tal-konvenut tikkonferma li l-istess konvenut kellu nuqqas ta’ diskrezzjoni ta’ gudizzju fuq il-hajja mizzewga u l-element ta’ *consortium vitae* kien mankanti ghal kollox fih – kkonfermat mill-fatt li x-xhieda tieghu hija principalment rendikont finanzjarju tal-hajja tal-kontendenti flimkien u ftit jew xejn izjed. Dan jinsab ikkonfermat ukoll mix-xhieda ta’ ***”C”*** u wkoll ta’ l-attrici li ddiskriviet li l-istess konvenut kien mohhu b’mod esegerat fuq ix-xoghol, u jqatta’ l-hin kollu tal-gurnata minn fil-ghodu kmien sa tard bil-lejl fuq ix-xoghol tieghu, u wkoll li kien xhih maghha u wkoll jidher li zamm distinzjoni netta bejn huwa u hija tant li kien

jippretendi hlas lura ta’ flus li kien jghid li sellef lill-attrici, kien izomm is-sitwazzjoni finanzjarja mohbija lill-attrici u wkoll kien jippretendi u ppretenda hlas ta’ garr ta’ strumenti li kien jaghmel lill-attrici – kollha indikazzjonijiet cari li jindikaw li l-istess konvenut ma kienx konxju ta’ l-elementi essenzjali taz-zwieg u ta’ l-element ta’ *consortium vitae* li kellu jezisti bejn koppja u certament f’dan il-kuntest din il-Qorti thoss li l-kunsens tal-konvenut kien vizzjat abbazi ta’ l-**artiklu 19 (1) (d) tal-Kap 255 tal-Ligijiet ta’ Malta.**

## III. KONKLUZJONI.

Illi ghalhekk ghal dawn il-motivi, din il-Qorti, **taqta’ u tiddeciedi,** billi filwaqt li tichad l-eccezzjonijiet tal-konvenut biss inkwantu l-istess huma b’xi mod inkompatibbli ma’ dak fuq deciz, **tilqa’ t-talba attrici biss fis-sens hawn deciz,** b’dan illi:-

1. Tiddikjara null u minghajr effett iz-zwieg li gie ccelebrat bejn il-kontendanti fil-11 ta’ Gunju 2000 u peress li l-kunsens ta’ l-attrici kien vizzjat abbazi ta’ l-**artikolu 19 (1) (f) tal-Kap 255** u dak tal-konvenut kien vizzjat abbazi ta’ l-**artikolu 19 (1) (d) tal-Kap 255 tal-Ligijiet ta’ Malta.**

Bl-ispejjez jinqassmu bin-nofs bejn il-partijiet.

**Moqrija.**

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------